Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 26 ta' {unju 2007 fis-1.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri (ħa postu fis-2.05 p.m.) |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila (ħa postu fis-1.45 p.m.)<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## A{ENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

- Fl-assenza tas-Sindku, il-Laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 3 li fuq talba ta' Victor Caruana ġie emendat para. 5.2. billi żdied il-kliem " . . . Talab ukoll jekk ix-xogħol li sar fi Triq il-Karmnu kienx ġie ċċertifikat mill-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien għadu ma ġiex iċċertifikat ".

1.2 Wara din iż-żieda l-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni ta' Luċia Massa ssekondata minn Joe Camilleri.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Meta rrefera għal para. 2.1 tal-Minuti dwar it-*" time zone limit"* li jrid jintroduċi l-Kunsill fi Triq Ganni Vassallo, Victor Caruana qal li dwar din għamel li seta'. Qal li kien tella' Ħal Luqa lid-Direttur tat-Traffic Management, Audrey Testaferrata De Noto. Kien ċempel lis-Sindku biex jekk jista' jattendi wkoll għal-laqgħa *''on site"*, iżda s-Sindku baqa' ma attendiex.

2.1.i Caruana żied igħid li d-Direttur rat ħafna sinjali sofor ma' l-art li qegħdin isiru għalxejn quddiem il-garaxxijiet meta dawn diġa' għandhom il-permess tal-MEPA u allura n-*''No Parking Sign"* diġa huwa biżżejjed. Semma' wkoll li s-Sindku mar f'laqgħa ma' Audrey bla ma qallu xejn (lil Caruana) meta huwa responsabbli minn dan il-kadesteru, bħalma ma jgħidulu xejn meta l-ħaddiema tal-Kunsill imorru jiżbgħu s-sinjali ma' l-art. Qal ukoll li jixtieq li min imur jiżbogħ dawn is-sinjali għandu jagħmel kuntatt miegħu minn qabel, anke jekk stess dan il-kuntatt isir is-Sibt peress li s-Sibt ikun id-dar.

2.1.ii Dwar iż-żebgħa li saret fi Triq San {użepp, Victor Caruana qal li dwar din kien hemm ħafna tgergir, u li jekk stess din saret fuq talba tal-Pulizija, dawn m'għandhomx jaqbżu lill-ADT. Semma' wkoll li fi Triq il-Ħabaq k/m Triq il-{dida hemm *parking-bay* bajda li trid titneħħa għax jekk ikun hemm vann ipparkjat ma tkunx tista' toħroġ mill-garaxx. Huwa ssuġġerixxa li ssir laqgħa oħra mad-Direttur tat-Traffic Management biex din tas-sinjali s-sofor nissetjawha.

2.2 Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar ħsara li saret fuq il-bankina u ħsarat oħra biex inbnew ħitan fi Triq Gwann Mamo. Talab sabiex naraw min kien il-kuntrattur ħalli jagħmel tajjeb għall-ħsarat.

2.3 Caruana ġibed ukoll l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jittella' ħajt ta' l-għalqa li hemm fi Triq Tumas Galea skond r-regolamenti tal-MEPA peress li hemmhekk qed jintrema skart. Qabel jittieħdu l-passi rridu naraw min huwa sid l-għalqa. Dwar dan għandu jsir kuntatt ma' min jaħdem l-għalqa.

LUQA

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Il-Viċi Sindku Joseph Scicluna ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sad-26 ta' {unju 2007, fosthom :

a) Ittra tad-Direttur Mediku ta' SVDP, Dr Ronald Fiorentino li tistieden lil min hu nteressat għall-konferenzan bit-tema *"World Awareness Day Against Elder Abuse".*

b) ittra mill-Onor. Edwin Vassallo dwar it-twaqqif ta' premju għat-tkattir ta' negozji żgħar.

c) ittra mill-BOV dwar kwotazzjoni għal installazzjoni ta' CCTV fi Triq Dun Pawl fid-dawl ta' l-ilmenti kontinwi li saru minn Joseph Ellul, resident fl-istess triq

- Il-Korrispndenza kollha li daħlet mill-MEPA ġiet mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsillier Dr Frank Psaila.

- Hawnhekk is-Sindku John Schembri ħa postu (2.05 p.m.)

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Piscopo tgħid: **li l-Kunsill japprova li, ssir Skolasajf għal tfal ta' l-eta' li tvarja bejn 4 u 6 snin**. Dwar din il-mozzjoni s-Sindku qal li għal din l-attivita' jsir użu minn skema apposta li għandha l-E.T.C.

4.1.i Wara diskussjoni qasira, din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

4.2 Mozzjoni oħra mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid: **li l-Kunsill japprova li , bħalma sar is-sena li għaddiet, jiġi ntrodott is-servizz ta' Transport Pubbliku minn Ħal Luqa għal Birżebbugia u lura matul ix-xhur tas-Sajf.**

4.2.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li t-trasport li qiegħed jiġi propost huwa l-istess bħal tas-sena l-oħra: darbtejn fil-ġimgħa l-Ħamis u l-Ħadd. In-nies iħallsu nofs lira (50c) peress li dan it-trasport se jkun issussidjat mill-Kunsill.

Meta tressqet għal-voti, din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

4.3 Mozzjoni oħra tressqet mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid: **li l-Kunsill japprova t-twaqqif ta' monument ġdid iddedikat lill-Vittmi tal-Gwerra fi Triq 9 ta' April 1942.**

LUQA

4.3.i Fuq din il-mozzjoni Joseph Scicluna qal li r-raħal ta' Ħal Luqa kien ir-raħal li l-aktar ra bumbardamenti fuqu li wasslu għall-qerda ta' bosta nies. Għalhekk jixraq li r-raħal ta' Ħal Luqa jkollu monument aħjar minn dak li għandu u li jixraq għaż-żminijiet tallum.

4.3.ii Victor Caruana qal li l-monument għandu jsir ta' l-irħam u naraw li jsir xi ħaġa sewwa. {ie ssuġġerit li flok il-monument li hemm illum issir statwa ta' Sant'Andrija.

4.3.iii Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sad-26 ta' {unju 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-2.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Konfermati llum <u>19 </u>ta' Lulju 2007.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |